# Il-bidliet fl-istaġun tal-insib ta' din is-sena huma bbażati fuq it-talbiet tan-nassaba, mhux fuq il-fatti

## Il-ftuħ tal-istaġun iġib miegħu riskju li Malta terġa' tispiċċa quddiem il-Qorti Ewropea

L-istaġun tal-insib ta' din is-sena li fetaħ nhar il-Ħadd introduċa numru ta' bidliet għad-deroga, f'dak li BirdLife Malta tqis li huwa riżultat tal-ilmenti mressqa min-nassaba – talbiet li bl-ebda mod mhuma bbażati fuq fatti.

Il-bidliet prinċipali jinkludu żieda ta' għaxart ijiem fl-istaġun tal-insib, b'mod partikolari għall-Pluviera, u tnaqqis fid-daqs tal-malju tax-xbieki li jintużaw għall-Malvizz. L-insib għal dawn iż-żewġ speċi għadu soġġett għal Proċeduri ta' Ksur li kienu nfetħu mill-Kummissjoni Ewropea (KE) fl-2011.

Il-bidliet fil-liġi tal-insib kienu tressqu l-ewwel darba fil-laqgħat tal-Kumitat Ornis wara li rriżulta li aktar kmieni din is-sena l-Kummissjoni kienet ressqet numru ta' lmenti quddiem l-awtoritajiet Maltin dwar il-mod kif kienet ġiet implimentata d-deroga fl-2018.

Aktar kmieni f'Mejju 2019, BirdLife Malta kienet ippreżentat ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' sorveljanza li kienet għamlet tul l-istaġun tal-insib tal-2018 lid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea. Dan l-istħarriġ kien wera li fi 82.8% tal-imnasab li ġew issorveljati fl-2018 kien qed isir insib illegali għall-għasafar tal-għana u għal speċi oħrajn li mhumiex permessi bid-deroga. 57.5% tal-imnasab li nstabu attivi kienu wkoll qed jintużaw illegalment f'zoni mhux awtorizzati mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU). Dan l-aħħar eżerċizzju seta' jsir permezz ta' paragun bejn ritratti mill-ajru meħudin tul l-istaġun u l-lista ta' fejn jinsabu l-imnasab li tippubblika d-WBRU.

Uħud mill-miżuri li d-WBRU ippjanat li tindirizza kienu jinkludu t-tnaqqis fid-daqs massimu li jista' jokkupa mansab għall-Malvizz, u tnaqqis ta' 41 ġurnata fil-perjodu li matulu jsir l-insib għall-Malvizz. Madanakollu, fil-laqgħat ta' wara, id-WBRU irtirat dawn il-proposti mingħajr ebda

spjegazzjoni. Dan jindika ċar li saru diskussjonijiet bil-bibien magħluqa bejn il-Gvern u n-nassaba, bil-Gvern iċedi għall-pressjoni tal-għaqdiet tan-nassaba. Il-proposti li finalment tressqu u ttieħed vot fuqhom fil-Kumitat Ornis kienu jirrappreżentaw dak li insistew fuqu n-nassaba, u ma kien bl-ebda mod ibbażat fuq xi fatti xjentifiċi jew ta' konservazzjoni.

Meta tqis kollox, l-istaġun ta' din is-sena ma jġib miegħu l-ebda ħjiel ta' tnaqqis fl-insib, anzi pjuttost dan se jiżdied.

Filwaqt li staġuni tal-insib fl-aħħar snin kienu limitati għall-perjodu bejn Ottubru u Diċembru, l-emendi għal-liġi li saru din is-sena jippermettu li l-istaġun tal-insib jiġi estiż sal-10 ta' Jannar. Quddiem il-Kumitat Ornis ma tressqu l-ebda studji partikolari li jindikaw il-ħtieġa ta' din iż-żieda. Naturalment il-vot kontra ta' BirdLife Malta fil-Kumitat ma sewa għal xejn għax din il-miżura ġiet approvata.

Il-bidla l-oħra l-kbira hija dik tat-tnaqqis fil-daqs tal-malju minn 45mm x 45mm kif kienu x-xbieki użati fl-istaġun tal-2018, għal malju ta' 35mm x 35mm li issa qed jiġi permess għall-insib tal-Malvizz. Din il-bidla ddaħħlet wara "lmenti" li saru lid-WBRU, bil-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) u l-esperti tal-kaċċa fil-Kumitat Ornis isostnu li aktar minn 50% tal-Imlievez maqbuda kienu qed jaħarbu mix-xbieki kif kienu. Minkejja f'dan, l-ebda evidenza xjentifika ma ġiet ippubblikata jew tressqet quddiem il-Kumitat Ornis bħala prova ta' dan.

Ironikament, tagħrif miġbur mid-WBRU għall-istaġun tal-insib tal-2018 juri li dan kien l-aktar staġun li matulu nqabdu Mlievez fis-snin riċenti. Ċifri bħal dawn, apparti li huma ferm 'il bogħod mir-realtà, iwaqqgħu għalkollox l-argumenti li qed isiru li s-sena l-oħra x-xbieki b'malju ta' 45mm x 45mm ma ħadmux kif suppost.

Il-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "Fl-istaġun tal-insib tal-2018 kien diġà rriżulta li ammont sostanzjali mill-imnasab kienu qed jitħaddmu illegalment. Issa, il-bidliet li ddaħħlu din is-sena – fi ftit kliem iż-żieda fil-ġranet għall-insib u, biex tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni, il-possibbiltà li jintużaw xbieki b'malju iżgħar – se jservu biss biex jiżdied l-insib għall-Malvizz u l-Pluviera u jagħmluha wkoll possibbli li n-nassaba jaqbdu l-għasafar tal-għana illegalment, speċjalment speċi akbar fid-daqs bħal Taż-Żebbuġ".

Minflok jiżguraw kontrolli aktar ibsin, il-miżuri li ddaħħlu din is-sena għandhom biss l-iskop li jippermettu aktar insib. Hemm ukoll numru ta' kwistjonijiet li baqgħu ma ġewx indirizzati fosthom l-użu bla rażan tal-apparat tal-għajjat elettroniku, u l-fatt li l-pulizija m'għandhiex ir-riżorsi biex

tkopri lil Malta u Għawdex u tagħmel spezzjonijiet għal għarrieda. Dan filwaqt li r-rakkomandazzjoni li saret lill-Onor. Clint Camilleri biex titwaqqaf Wildlife Crime Unit s'issa għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni dwarha.

BirdLife Malta ssostni l-pożizzjoni tagħha li d-deroga tal-insib tibqa' waħda insostenibbli u tappella lill-Gvern Malti biex ma jpoġġix lil Malta f'riskju li terġa' tispiċċa quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sempliċiment biex jaġevola lobby li jibqa' jinsisti li jinfetħu l-istaġuni tal-insib irrispettivament mir-riperkussjonijiet. Ftit jiem biss ilu, nhar il-Ġimgħa, fi stqarrija l-FKNK iddikjarat li se tkompli taħdem mal-Gvern biex f'Malta jerġgħu jiddaħħlu l-insib għall-għasafar tal-għana u l-kaċċa fuq il-Gamiema fir-rebbiegħa. Dikjarazzjonijiet bħal dawn mhuma xejn ħlief turija ta' egoiżmu f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-kampanja tagħna u l-ħarsien tal-għasafar.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Holoq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Ornis li rrakkomandat il-ftuħ tal-istaġun tal-insib. Id-deċiżjonijiet dwar il-bidliet fl-istaġun tal-insib ittieħed vot dwarhom f'din il-laqgħa li saret fil-31 ta' Lulju 2019. Id-dokument Anness A mehmuż mal-minuti jipprova jiġġustifika l-bidla fid-daqs tal-malju tax-xbieki għal 35mm by 35mm; u Anness B jinkludi l-bidliet oriġinali proposti mid-WBRU li mbagħad ġew irtirati.
- Rapport dwar id-deroga tal-insib għall-Malvizz u l-Pluviera tal-2018. F'paġna 12 tar-rapport hemm elenkati l-qabdiet ta' għasafar li ddikjaraw li għamlu n-nassaba kull sena. Fl-2018 in-nassaba qabdu rekord ta' 511 Malvizz, kważi d-doppju tal-medja tas-snin preċedenti (2014 sa 2017).

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-2cl4lhGLuy**

1. Pluviera (Ritratt ta' Denis Cachia)
2. Malvizz (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. Ix-xibka li tintuża għall-insib (Ritratt ta' BirdLife Malta)
4. Ritratt mill-ajru ta' mansab (Ritratt ta' BirdLife Malta)
5. Għasfur f'gaġġa li jintuża bħala lixka għall-insib ta' għasafar tal-għana oħra, xi ħaġa li issa hija illegali (Ritratt ta' Karen Varnham)

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://youtu.be/etXAHMTMcnc**

- Filmati li juri wħud mill-illegalitajiet osservati matul l-istaġun tal-insib tas-sena l-oħra